# REGOLAMENT (UE) 2019/2176 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-18 ta’ Diċembru 2019**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) F’konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fuq il-bażi tar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-8 ta’ Awwissu 2014 dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, eżaminaw ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 biex jiddeterminaw jekk hemmx bżonn li l-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) jiġu riveduti. Il-modalitajiet għall-ħatra tal-President tal-BERS ġew ukoll rieżaminati.

(2) L-analiżi tal-effett tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta tagħha għal dan ir-Regolament tikkonkludi li, filwaqt li l-BERS ġeneralment jiffunzjona tajjeb, huwa meħtieġ titjib f’ċerti punti speċifiċi.

(3) Il-bidliet istituzzjonali reċenti relatati mal-unjoni bankarja, flimkien ma’ sforzi biex tinkiseb unjoni tas-swieq kapitali, kif ukoll bidla teknoloġika, fil-fatt biddlu l-ambjent operattiv tal-BERS. Jenħtieġ li l-BERS jikkontribwixxi għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni u b’hekk għall-kisba tal-objettivi tas-suq intern. Is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja hija parti integrali mis-Sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja. L-arranġamenti istituzzjonali li jidentifikaw u jindirizzaw effettivament ir-riskji mikro u makroprudenzjali jistgħu jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati kollha jkollhom biżżejjed fiduċja biex jieħdu sehem f’attivitajiet finanzjarji, partikolarment attivitajiet transkonfinali. Bil-promozzjoni ta’ tweġibiet ta’ politika fil-ħin u konsistenti fl-Istati Membri għar-riskji sistemiċi identifikati, il-BERS jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta’ approċċi diverġenti u għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern.

(4) Il-kompożizzjoni wiesgħa tal-membri tal-Bord Ġenerali tal-BERS (il-“Bord Ġenerali”) hija assi maġġuri. Żviluppi reċenti fl-arkitettura superviżorja finanzjarja tal-Unjoni, u b’mod partikolari l-ħolqien ta’ unjoni bankarja, madankollu mhumiex riflessi fil-kompożizzjoni ta’ dak il-Bord Ġenerali. Għal dik ir-raġuni, il-President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jenħtieġ li jsiru membri mingħajr id-dritt tal-vot tal-Bord Ġenerali. Jenħtieġ li jsiru wkoll aġġustamenti korrispondenti għall-Kumitat Tekniku Konsultattiv tal-BERS (il-“Kumitat Tekniku Konsultattiv”).

---

([1]) ĠU C 120, 6.4.2018, p. 2.

([2]) ĠU C 227, 28.6.2018, p. 63.

([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ April 2019 (għadha mhijiex ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali)] u deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2019.

([4]) Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

([5]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

(5) Il-President tal-BĊE ppresjeda l-BERS mill-istabbiliment tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 sal-15 ta' Diċembru 2015 u wara dan fuq bażi interim. Matul dak il-perijodu, il-President tal-BĊE kkonferixxa awtorità u kredibbiltà lill-BERS u żgura li jkun jista' b'mod effettiv jsawwar u joqgħod fuq l-għarfien espert tal-BĊE fil-qasam tal-istabbiltà finanzjarja. Għaldaqstant huwa adatt li l-President tal-BĊE jippresiedi l-BERS fuq bażi permanenti.

(6) Il-BERS huwa responsabbli mis-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni u jikkontribwixxi għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni ta' riskji sistemiċi fl-Unjoni sħiħa jew f'partijiet minnha, inkluż li jidentifika u jiddiskuti riskji għall-istabbiltà finanzjarja irrispettivament mill-oriġini tagħhom. Il-kondizzjonijiet monetarji jistgħu jkollhom implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja u huwa fil-mandat tas-sorveljanza makroprudenzjali tal-BERS li jiddiskuti dawn l-implikazzjonijiet filwaqt li l-indipendenza tal-banek ċentrali tkun rispettata b'mod sħiħ. Il-BERS huwa wkoll responsabbli li jissorvelja u jivvaluta r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja li jirriżultaw minn żviluppi li jista' jkollhom impatt fil-livell settorjali jew fil-livell tas-sistema finanzjarja b'mod ġenerali, inkluż riskji u vulnerabbiltajiet li jirriżultaw minn bidla teknoloġika jew minn fatturi ambjentali jew soċjali. Il-BERS jenħtieġ ukoll li janalizza l-iżviluppi barra mis-settur bankarju, inkluż dawk li jwasslu għat-tlestija tal-unjoni tas-swieq kapitali.

(7) Il-membri tal-Bord Ġenerali huma kollettivament responsabbli għall-kisba tal-missjoni, l-objettivi u l-kompiti tal-BERS.. Il-membri kollha huma responsabbli biex jsawru l-aġenda u l-programm ta' ħidma tal-BERS u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidma regolari tiegħu. inkluż billi jiġbdu l-attenzjoni tal-membri l-oħra tal-Bord Ġenerali għal suġġetti rilevanti.

(8) Sabiex tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-BERS, il-President tal-BERS jenħtieġ li jkun jista' jiddelega kompiti, bħal kompiti relatati mar-rappreżentanza esterna tal-BERS lill-ewwel Viċi President jew, jekk l-ewwel Viċi President ma jkunx disponibbli u fejn ikun adatt, lit-tieni Viċi President jew lill-kap tas-Segretarjat tal-BERS. Jenħtieġ li tali delegazzjoni ma testendix sal-parteċipazzjoni fi smigħ pubbliku u f'diskussjonijiet mhux pubbliċi fil-Parlament Ewropew.

(9) Sabiex tkun prevista flessibbiltà fir-rigward tal-għażla tal-membru tal-Bord Ġenerali bi drittijiet tal-vot, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu r-rappreżentant tal-vot tagħhom bejn il-Gvernatur tal-bank ċentrali nazzjonali u rappreżentant ta' livell għoli ta' awtorità maħtura skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), fejn dik l-awtorità maħtura jkollha r-rwol ewlieni fl-istabbiltà finanzjarja fil-qasam ta' kompetenza tagħha. Dik il-flessibbiltà rigward l-għażla tal-membru tal-Bord Ġenerali bi drittijiet tal-vot ma taffettwax l-Istati Membri fejn il-bank ċentrali nazzjonali jkun awtorità maħtura skont id-Direttiva 2013/36/UE jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Biex tiġi evitata l-influwenza politika, l-ebda membru tal-Bord Ġenerali ma għandu jkollu kariga fil-gvern ċentrali ta' Stat Membru.

(10) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-ewwel Viċi President tal-BERS sa issa kien elett mill-membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE u minn fosthom, rigward il-ħtieġa li jkun hemm rappreżentanza bbilanċjata tal-Istati Membri b'mod ġenerali u bejn dawk li l-munita tagħhom hija l-euro u dawk li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. Wara l-ħolqien tal-unjoni bankarja, huwa adatt li r-referenza għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u dawk li l-munita tagħhom mhijiex l-euro tiġi sostitwita b'referenza għall-Istati Membri li huma Stati Membri parteċipanti kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([8]) u dawk li mhumiex. L-ewwel Viċi President jenħtieġ li jiġi elett mill-membri nazzjonali tal-Bord Ġenerali bi drittijiet tal-vot u minn fosthom, b'riflessjoni tal-flessibbiltà akbar fir-rigward tas-sħubija tal-Bord Ġenerali.

(11) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 ([9]) jistipula li l-kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jinħatar mill-BĊE, f'konsultazzjoni mal-Bord Ġenerali. Sabiex il-kap tas-Segretarjat tal-BERS jingħata iżjed viżibbiltà, jenħtieġ li l-Bord Ġenerali jivvaluta, fi proċedura miftuħa u trasparenti, jekk il-kandidati fil-lista finali għall-kariga ta' Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandhomx il-kwalitajiet u l-esperjenza meħtieġa biex jimmaniġġaw is-Segretarjat tal-BERS. Jenħtieġ li l-BĊE jikkunsidra li jiftaħ sistematikament il-proċedura tal-għażla għal kandidati esterni. Il-Bord Ġenerali jenħtieġ li jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċedura ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ċċarati l-kompiti tal-kap tas-Segretarjat tal-BERS.

---

([6]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([7]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([8]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

([9]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162).

(12) Minħabba li r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 ġie inkorporat fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jenħtieġ li l-Artikolu 9(5) ta' dak ir-Regolament jiġi emendat.

(13) Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u sabiex tittejjeb l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-għadd ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Kumitat Tekniku Konsultattiv jitnaqqas miż-żewġ rappreżentanti li hemm bħalissa għal rappreżentant wieħed.

(14) Jenħtieġ li l-BĊE jiżdied bħala destinatarju possibbli tat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS fir-rigward tal-kompiti mogħtija lilu skont l-Artikoli 4(1), 4(2) u 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni maħtura mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jiżdiedu wkoll bħala destinatarji possibbli.

Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 jirrikjedi li dawk it-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet jiġu trażmessi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u li, meta jkunu indirizzati lil awtorità ta' sorveljanza nazzjonali waħda jew aktar, lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) (minn hawn 'il quddiem kollettivament imsejħa l-"ESAs"). Sabiex jissaħħu l-kontroll demokratiku u t-trasparenza, jenħtieġ ukoll li t-twissijiet u rakkomandazzjonijiet tal-BERS jiġu trażmessi lill-Parlament Ewropew u lill-ESAs. Fejn adatt, il-Bord Ġenerali jenħtieġ li jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim biex tkun żgurata l-kunfidenzjalità meta jkunu qed jintbagħtu twissijiet jew rakkomandazzjonijiet kunfidenzjali jew mhux pubbliċi.

(15) Membri tal-BERS mill-banek ċentrali nazzjonali, mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u mill-awtoritajiet nazzjonali fdati bit-twettiq tal-politika makroprudenzjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw l-informazzjoni li jirċievu mill-BERS waqt il-kompiti tagħhom u b'rabta mal-kompiti tal-BERS, inkluż għall-eżerċizzju tal-kompiti statutorji tagħhom.

(16) Jenħtieġ li l-BERS jiffaċilita l-kondiviżjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali jew il-korpi responsabbli mill-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u l-korpi tal-Unjoni ta' informazzjoni relatata mal-miżuri mfassla biex jindirizzaw ir-riskju sistemiku fis-sistema finanzjarja kollha tal-Unjoni.

(17) Biex jiġu żgurati l-kwalità u r-rilevanza tal-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, it-twissijiet u d-deċiżjonijiet tal-BERS, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv u l-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv mistennija jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati, fejn adatt, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti, u biex dan isir bl-aktar mod wiesa' possibbli biex ikun żgurat approċċ inklużiv lejn il-partijiet interessati kollha.

(18) Waqt ir-rieżami tal-missjoni u l-organizzazzjoni tal-BERS, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra b'mod partikolari mudelli istituzzjonali possibbli oħra. Jenħtieġ li tikkunsidra wkoll jekk fl-organizzazzjoni tal-BERS għadux xieraq il-bilanċ bejn l-Istati Membri li huma Stati Membri parteċipanti kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u dawk li mhumiex.

(19) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 jiġi emendat skont dan,

---

([10]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

([11]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([12]) Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([13]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) "riskju sistemiku" tfisser riskju ta' tfixkil fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal li jkun hemm konsegwenzi negattivi serji għall-ekonomija reali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar u għall-funzjonament tas-suq intern. It-tipi kollha ta' intermedjarji, swieq u infrastrutturi finanzjarji jistgħu jkunu potenzjalment xi ftit jew wisq sistemikament importanti.";

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Meta jiġi kkonsultat dwar il-ħatra tal-kap tas-Segretarjat f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 (*), il-Bord Ġenerali, wara proċedura miftuħa u trasparenti, għandu jivvaluta jekk il-kandidati fil-lista finali għall-kariga ta' kap tas-Segretarjat għandhomx il-kwalitajiet, l-imparzjalità u l-esperjenza meħtieġa biex jimmaniġġaw is-Segretarjat. Il-Bord Ġenerali għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fid-dettall biżżejjed dwar il-proċedura ta' valutazzjoni u ta' konsultazzjoni.

---

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Meta jagħtu struzzjonijiet lill-kap tas-Segretarjat f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010, il-President u l-Kumitat tat-Tmexxija jistgħu jindirizzaw dan li ġej:

(a) il-ġestjoni ta' kuljum tas-Segretarjat;

(b) kull kwistjoni amministrattiva u baġitarja relatata mas-Segretarjat;

(c) il-koordinament u t-tħejjija tal-ħidma u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord Ġenerali;

(d) it-tħejjija tal-proposta għall-programm annwali tal-BERS u l-implimentazzjoni tiegħu;

(e) it-tħejjija tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-BERS u r-rappurtar lill-Bord Ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.";

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-BERS għandu jkun ippresedut mill-President tal-BĊE.

2. L-ewwel Viċi President għandu jkun elett mill-membri nazzjonali tal-Bord Ġenerali bid-drittijiet tal-vot u minn fosthom għal terminu ta' ħames snin, b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa ta' rappreżentanza bilanċjata tal-Istati Membri bejn dawk li huma Stati Membri parteċipanti kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (*), u dawk li mhumiex. L-ewwel Viċi-President jista' jiġi rielett darba biss.

---

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-President għandu jirrappreżenta lill-BERS esternament. Il-President jista' jiddelega kompiti, bħal kompiti relatati mar-rappreżentanza esterna tal-BERS, inkluż il-preżentazzjoni tal-programm ta' ħidma, lill-ewwel Viċi President jew, jekk l-ewwel Viċi President ma jkunx disponibbli u fejn ikun adatt, lit-tieni Viċi President jew lill-kap tas-Segretarjat. Kompiti relatati mal-obbligi ta' responsabbiltà u ta' rappurtar tal-BERS stipulati fl-Artikolu 19(1), (4) u (5) ma jistgħux jiġu delegati.";

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali. L-Istati Membri fejn il-bank ċentrali nazzjonali ma jkunx l-awtorità maħtura skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) u fejn dik l-awtorità maħtura jkollha r-rwol ewlieni fl-istabbiltà finanzjarja fil-qasam ta' kompetenza tagħha jistgħu inkella jinnominaw rappreżentant ta' livell għoli ta' awtorità maħtura skont id-Direttiva 2013/36/UE jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(*) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(**) Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) rappreżentant tal-Kummissjoni;";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) soġġett għad-deċiżjoni ta' kull Stat Membru f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 1 u f'konformità mal-paragrafu 3, rappreżentant ta' livell għoli għal kull Stat Membru tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali, ta' awtorità nazzjonali fdata bit-twettiq ta' politika makroprudenzjali, jew tal-bank ċentrali nazzjonali sakemm il-Gvernatur tal-bank ċentrali nazzjonali ma jkunx il-membru tal-Bord Ġenerali bi drittijiet tal-vot imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, f'liema każ rappreżentant ta' livell għoli tal-bank ċentrali nazzjonali għandu jkun il-membru tal-Bord Ġenerali mingħajr drittijiet tal-vot;";

(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) il-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE;

(d) il-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-rappreżentanti ta' livell għoli rispettivi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandhom jalternaw b'rotazzjoni skont is-suġġett diskuss, sakemm l-awtoritajiet nazzjonali ta' xi Stat Membru partikolari ma jkunux qablu fuq rappreżentant komuni.";

(5) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Bord Ġenerali u tal-Kumitat tat-Tmexxija jew meta jkunu qegħdin iwettqu kwalunkwe attività oħra relatata mal-BERS, il-membri tal-BERS għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom b'imparzjalità u biss fl-interess tal-Unjoni inġenerali. La għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern, istituzzjoni tal-Unjoni jew kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-ebda membru tal-Bord Ġenerali (kemm jekk votanti jew mhux votanti) ma għandu jkollu kariga fil-gvern ċentrali ta' Stat Membru.";

(6) L--Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet bil-fomm kunfidenzjali li jsiru skont l-Artikolu 19(5).";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. Il-membri tal-BERS mill-banek ċentrali nazzjonali, mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u mill-awtoritajiet nazzjonali fdati bit-twettiq tal-politika makroprudenzjali jistgħu, fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-BERS jipprovdu lill-awtoritajiet nazzjonali jew lill-korpi responsabbli mill-istabbiltà tas-sistema finanzjarja f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-arranġamenti nazzjonali informazzjoni relatata mat-twettiq tal-kompiti fdati lill-BERS li hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kompiti statutorji ta' dawk l-awtoritajiet jew korpi, dment li jiġu stabbiliti salvagwardji suffiċjenti biex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tal-liġi tal-Unjoni u l-arranġamenti nazzjonali rilevanti.

2b. Fejn l-informazzjoni toriġina minn awtoritajiet oħra minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2a, il-membri tal-BERS mill-banek ċentrali nazzjonali, mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u mill-awtoritajiet nazzjonali fdati bit-twettiq tal-politika makroprudenzjali għandhom jużaw dik l-informazzjoni għall-eżerċizzju tal-kompiti statutorji tagħhom bil-qbil espliċitu ta' dawk l-awtoritajiet biss.";

(7) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fejn adatt, rappreżentanti ta' livell għoli minn organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jwettqu attivitajiet relatati direttament mal-kompiti tal-BERS stipulati fl-Artikolu 3(2) jew il-President tal-Parlament Ewropew jew rappreżentant tal-Parlament Ewropew dwar suġġetti relatati mal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-politika makroprudenzjali jistgħu jiġu mistiedna jattendu laqgħat tal-Bord Ġenerali.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-BERS tista' tkun miftuħa għar-rappreżentanti ta' livell għoli tal-awtoritajiet rilevanti minn pajjiżi terzi meta rilevanti għall-Unjoni. Jistgħu jsiru arranġamenti mill-BERS li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, l-ambitu u l-aspetti proċedurali tal-involviment ta' dawk il-pajjiżi terzi fil-ħidma tal-BERS. Tali arranġamenti jistgħu jipprevedu rappreżentanza, fuq bażi ad hoc, bħala osservatur, fuq il-Bord Ġenerali u għandhom jikkonċernaw biss punti ta' rilevanza għall-Unjoni, filwaqt li jeskludu kwalunkwe każ fejn tista' tiġi diskussa s-sitwazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali jew ta' Stati Membri.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-proċedimenti tal-laqgħat għandhom ikunu kunfidenzjali. Il-Bord Ġenerali jista' jiddeċiedi li jagħmel pubbliku rendikont tad-deliberazzjonijiet tiegħu, soġġett għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli u b'tali mod li ma jippermettix l-identifikazzjoni tal-membri individwali tal-Bord Ġenerali jew ta' istituzzjonijiet individwali. Il-Bord Ġenerali jista' jiddeċiedi wkoll li jagħmel konferenzi stampa wara l-laqgħat tiegħu.";

(8) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE responsabbli mill-istabbiltà finanzjarja u l-politika makroprudenzjali;";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) erba' membri nazzjonali tal-Bord Ġenerali bi drittijiet ta' vot b'kunsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' rappreżentanza bilanċjata tal-Istati Membri bejn dawk li huma Stati Membri li qed jipparteċipaw kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u dawk li mhumiex. Huma għandhom jiġu eletti mill-membri nazzjonali tal-Bord Ġenerali bi drittijiet tal-vot u minn fosthom għal perijodu ta' tliet snin;";

(iii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) rappreżentant tal-Kummissjoni;";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-President u l-ewwel Viċi President tal-BERS għandhom jorganizzaw flimkien il-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-inqas darba kull tliet xhur, qabel kull laqgħa tal-Bord Ġenerali. Il-President u l-ewwel Viċi President jistgħu wkoll jorganizzaw flimkien laqgħat ad hoc.";

(9) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jkun magħmul mill-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv u 15-il espert li jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' ħiliet, esperjenza u għarfien li jirrigwardaw is-setturi rilevanti kollha tas-swieq finanzjarji, proposti mill-Kumitat tat-Tmexxija u approvati mill-Bord Ġenerali għal mandat rinnovabbli ta' erba' snin. Il-persuni nominati ma għandhomx ikunu membri tal-ESAs u għandhom jintgħażlu abbażi tal-kompetenza ġenerali tagħhom kif ukoll tal-esperjenza varjata tagħhom f'oqsma akkademiċi jew setturi oħra, partikolarment fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew għaqdiet tal-ħaddiema, jew bħala fornituri jew konsumaturi ta' servizzi finanzjarji.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-President u ż-żewġ Viċi Presidenti tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandhom jinħatru mill-Bord Ġenerali wara proposta mill-President tal-BERS u għandu jkollhom kull wieħed livell għoli ta' kompetenza esperta u għarfien rilevanti, pereżempju bis-saħħa tal-isfond akkademiku u professjonali rilevanti tagħhom fis-settur bankarju, is-settur tas-swieq tat-titoli jew is-settur tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol. Ir-rwol tal-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jalterna b'rotazzjoni bejn dawk it-tliet persuni.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jipprovdi parir u assistenza lill-BERS skont l-Artikolu 4(5), fuq it-talba tal-President tal-BERS jew tal-Bord Ġenerali.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fejn adatt, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jorganizza konsultazzjonijiet fi stadju bikri flimkien mal-partijiet ikkonċernati, bħall-parteċipanti fis-swieq, korpi tal-konsumaturi u esperti akkademiċi, b'mod miftuħ u trasparenti, filwaqt li jqis ir-rekwiżit tal-kunfidenzjalità. Tali konsultazzjonijiet għandhom jitwettqu bl-aktar mod wiesa' possibbli sabiex jiggarantixxu approċċ inklużiv fil-konfront tal-partijiet ikkonċernati kollha u tas-setturi finanzjarji rilevanti u għandhom jippermettu li l-partijiet ikkonċernati jkollhom żmien raġonevoli biex iwieġbu.";

(10) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) rappreżentant tal-Kummissjoni;";

(ii) jiddaħħlu dawn il-punti li ġejjin:

"(fa) rappreżentant tal-Bord Superviżorju tal-BĊE;

(fb) rappreżentant tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni;";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jagħti parir u assistenza lill-BERS skont l-Artikolu 4(5) fuq talba tal-President tal-BERS jew tal-Bord Ġenerali";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Fejn adatt, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jorganizza konsultazzjonijiet fi stadju bikri flimkien mal-partijiet ikkonċernati bħall-parteċipanti fis-swieq, korpi tal-konsumaturi u esperti akkademiċi, b'mod miftuħ u trasparenti, filwaqt li jqis ir-rekwiżit tal-kunfidenzjalità. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jitwettqu bl-aktar mod wiesa' possibbli sabiex jiggarantixxu approċċ inklużiv fil-konfront tal-partijiet ikkonċernati kollha u tas-setturi finanzjarji rilevanti u għandhom jippermettu li l-partijiet ikkonċernati jkollhom żmien raġonevoli biex iwieġbu.";

(11) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

**Sorsi oħra ta' pariri**

Fit-twettiq tal-kompiti stipulati fl-Artikolu 3(2), il-BERS għandu, fejn ikun adatt, jikkonsulta l-partijiet ikkonċernati rilevanti mis-settur privat. Tali l-konsultazzjonijiet għandhom jitwettqu bl-aktar mod wiesa' possibbli sabiex jiggarantixxu approċċ inklużiv fil-konfront tal-partijiet ikkonċernati kollha u tas-setturi finanzjarji rilevanti u għandhom jippermettu li l-partijiet ikkonċernati jkollhom żmien raġonevoli biex iwieġbu.";

(12) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Qabel kull talba għal informazzjoni ta' natura superviżorja li ma tkunx fil-qosor jew f'għamla aggregata, il-BERS għandu jikkonsulta debitament mal-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti sabiex jiżgura li t-talba tkun ġustifikata u proporzjonata. Jekk l-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti ma tikkunsidrax it-talba bħala ġustifikata u proporzjonata, hija għandha, mingħajr dewmien, tibgħat it-talba lura għand il-BERS u titlob għal ġustifikazzjoni addizzjonali. Wara li l-BERS ikun ta lill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti tali ġustifikazzjoni addizzjonali, l-informazzjoni mitluba għandha tiġi trażmessa lill-BERS mid-destinatarji tat-talba, dment li dawn ikollhom aċċess legali għall-informazzjoni rilevanti.";

(13) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. "Twissijiet jew rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-BERS f'konformità mal-punti (c) u (d) tal-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu jew ta' natura ġenerali jew speċifika u għandhom ikunu indirizzati b'mod partikolari lill-Unjoni, lil Stat Membru wieħed jew aktar, lil waħda jew aktar mill-ESAs, lil waħda jew aktar mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali, lil awtorità nazzjonali waħda jew aktar maħtura għall-applikazzjoni ta' miżuri mmirati lejn l-indirizzar ta' riskju sistemiku jew makroprudenzjali, lill-BĊE għall-kompiti mogħtija lill-BĊE f'konformità mal-Artikoli 4(1), 4(2) u 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni maħtura mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni. F'każ li twissija jew rakkomandazzjoni tkun indirizzata lil waħda jew aktar mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġu infurmati wkoll b'dan. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jinkludu skeda ta' żmien speċifikata għat-tweġiba ta' politika. Ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jkunu indirizzati wkoll lill-Kummissjoni fir-rigward tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni.";

---

(*) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fl-istess ħin li jiġu trażmessi lid-destinatarji f'konformità mal-paragrafu 2, it-twissijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu trażmessi, f'konformità ma' regoli stretti ta' kunfidenzjalità, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-ESAs. Meta jkunu qed jintbagħtu twissijiet jew rakkomandazzjonijiet kunfidenzjali jew mhux pubbliċi, il-Bord Ġenerali għandu, fejn adatt, jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim biex tkun żgurata l-kunfidenzjalità.";

(14) fl-Artikolu 17, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Jekk rakkomandazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 3(2) tkun indirizzata lil wieħed mid-destinatarji elenkati fl-Artikolu 16(2), id-destinatarju għandu jikkomunika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS l-azzjonijiet li jkun ħa b'rispons għar-rakkomandazzjoni u għandu jissostanzja kull nuqqas ta' azzjoni. Fejn ikun rilevanti, il-BERS għandu, soġġett għal regoli stretti ta' kunfidenzjalità, jinforma lill-ESAs bit-tweġibiet riċevuti mingħajr dewmien.

2. Jekk il-BERS jiddeċiedi li r-rakkomandazzjoni tiegħu ma tkunx ġiet segwita jew li d-destinatarji ma jkunux taw ġustifikazzjoni adatta għan-nuqqas ta' azzjoni tagħhom, il-BERS għandu, soġġett għal regoli stretti ta' kunfidenzjalità, jinforma lid-destinatarji, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-ESAs rilevanti b'dan.";

(15) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta l-Bord Ġenerali jiddeċiedi li ma jagħmilx pubblika twissija jew rakkomandazzjoni, id-destinatarji, u fejn ikun adatt, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-ESAs għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' dik it-twissija jew rakkomandazzjoni.";

(16) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Mill-anqas darba fis-sena u aktar spiss f'każ ta' inkwiet finanzjarju mifrux, il-President tal-BERS għandu jiġi mistieden għal smigħ fil-Parlament Ewropew mill-kumitat kompetenti, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-BERS lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak is-smigħ għandu jitmexxa b'mod separat mid-djalogu monetarju bejn il-Parlament Ewropew u l-President tal-BĊE.

2. Ir-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun fih l-informazzjoni li l-Bord Ġenerali jiddeċiedi li jagħmel pubblika skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport annwali għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandu jinkludi l-għoti ta' rendikont tar-riżorsi li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-BERS skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1096/2010.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Il-BERS għandu jwieġeb bil-fomm jew bil-miktub għall-mistoqsijiet li jsirulu mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Huwa għandu jwieġeb dawk il-mistoqsijiet mingħajr dewmien bla bżonn. Meta tkun trażmessa informazzjoni kunfidenzjali, il-Parlament Ewropew għandu jiżgura l-kunfidenzjalità sħiħa ta' dik l-informazzjoni skont l-Artikolu 8 u l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.";

(17) L-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 20*

**Rieżami**

Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha, wara li tkun ikkonsultat lill-membri tal-BERS, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk il-missjoni jew l-organizzazzjoni tal-BERS jeħtieġx tiġi rieżaminata, filwaqt li tikkunsidra mudelli alternattivi possibbli għal dak attwali.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-18 ta' Diċembru 2019.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | T. TUPPURAINEN |